MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 573/2005/1

**Awtorita` Marittima ta' Malta**

**vs**

**B & Y Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2005 fejn intalbet is-somma ta' elf mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm1247.33), rapprezentanti berthing fees dovuti mis-socjeta` konvenuta lill-Awtorita'` Marittima ta' Malta rigward il-boat "*Wind III*", hekk kif jidher mill-istatement anness datat 21 ta' Dicembru, 2004 (Dok.A). Minkejja li ntbaghtet ittra

legali fid-19 ta’ Novembru, 2004 (Dok.B) il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-1 t’April, 2005, fejn intqal illi ebda somma ma hi pagabbli lill-Awtorita’` attrici billi l-korrispettiv tal-obbligu tal-hlas precizament il-provisjoni lill-konvenut ta’ berthing ma giex adempit mill-istess Awtorita’` jew gie adempit b’mod sporadiku u inaffidabbli.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda ta’ Christopher Schembri, Teddie Cauchi, Joseph Bezzina, John Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qed titlob hlas ghal berthing fees, rigward il-boat Wind III u dana skond statement datat 21 ta’ Dicembru, 2004, Dok A.
2. Il-konvenut qed jghid li l-Awtorita’ ma onoratx l-obbligi taghha, jew onoratom b’mod inaffidabbli.
3. Il-problema principali f’dan il-kaz kienet illi skond Mario Psaila il-propjetarju tal-imsemmija boat il-post illi tawh fejn jittrakka kien addirittura jikkostitwixxi perikolu ghad-daghjsa tieghu.
4. Fil-fatt l-istess Psaila qal illi l-post tad-daghjsa tieghu kien f’pontoon ‘G’. Jghid illi meta naqsu l-berthing facilities fl-imsemmi pontoon qalulu biex juza berth ta’ hdeha, peress illi kien hemm spazju fejn jidhol. Jispjega illi dak iz-zmien dan kien posibbli peress illi d-daghjsa ta’ hdejh ma kienet tokkupa wisq spazju, pero’ sussegwentement fuq pontoon ‘H’ sab li kien hemm l-Krista Marie u l-Comino Boat, u ghalhekk li kieku hu pogga d-daghjsa bejniethom setghet tigrilha hsara,

specjalment peress illi wahda minn dawn hi daghjsa tal-hadid.

5. Christopher Schembri ghall-Awtorita' attrici qal li Psaila kien jilmenta fuq l-ispazju li kellu, qal ukoll illi Psaila kien kitbilhom fis-sens illi l-ispazju li kellu kien risrett u ghalhekk ried li jigi assenjat lilu f'Ghawdex berth iehor. Il-pjanta a fol 34, Dok 23 turi kif inhuma l-pontoons fil-port tal-Imgarr Ghawdex.

6. Schembri esebixxa d-Dok JC1 li huma l-inkartament a fol. 38 sa fol. 141 tal-process, li juri l-ismijiet ta' diversi daghjjes illi jittrakkaw fil-port tal-Imgarr f'sena partikolari.

7. Schembri jghid ukoll li kien fis-sena 2004 illi sabu post alternattiv ghal Psaila fejn ipoggi d-daghjsa. Ghalkemm Psaila kien ilmenta l-istess Schembri ma qabbad lill hadd specifiku biex jinvestiga l-ilment ta' Psaila.

8. Teddy Cauchi li jahdem fl-ufficcju tal-Awtorita' f'Ghawdex qal li Psaila kien fil-fatt ressaq ilment, qal ukoll li mhux dmir tieghu illi jalloka l-berthing spaces ghad-daghjjes, peress illi huwa l-berthing master li jghidilhom fejn ipogguhom. Pero' jikkonferma li Psaila kien qallu li l-post li tawh mhux addatat ghalih u li ma kienx wiesgha bizzejjed, ghalkemm ma ftakarx x'kien qal fuq id-daghjjes l-ohra. Hu jikkonferma li d-daghajes ta' hdejh kienu l-Cominotto u l-Krista Marie. Skond Cauchi huma hafna s-sidien tad-daghjjes li jgergru, pero' dan ghar-ragunijiet illi jkunu jridu post wiesgha biex ikunu izjed komdi.

9. Dwar l-ilment ta' Mario Psaila, dan jinsab konfermat minn Joseph Bezzina surveyor f'affarijiet tal-Marittimu. Dan spjega li d-daghjjes li kellu Psaila fuq kull naha, wahda kienet heavy build tal-injam, filwaqt illi l-ohra kienet tal-hadid. Tenut kont li ta' Psaila kienet daghjsa tal-fiberglass kien hemm aktar probabbilita li ssirlu hsara.

10. Tenut kont ta' dan jidher illi l-ilment ta' Mario Psaila ghas-socjeta' konvenuta huwa gustifikat.

11. Ghandu jigi relevat ukoll illi wiehed mill-punti ta' kontestazzjoni kien jekk wiehed ghandux jhallas meta ma huwiex qed juza l-Marina. F'dan is-sens saret referenza ghal Avviz Legali 71/92 li jistipula dwar id-diversi tipi ta' facilitajiet ta' irmigg. Skond l-Awtorita' attrici l-irmigg tal-konvenut kien minn sena ghal sena u l-ilmenti li saru huma dawk li normalment isiru. Skond l-Awtorita' l-

konvenut qatt ma rrinunzzja jew b'xi mod hassar id-dritt tieghu ghal irmigg li kien inghatalu.

12. It-Tribunal, jifhem ukoll illi huwa obbligu tal-Awtorita' attrici illi tghati irmigg, tali illi dak li qed ipoggi d-daghjsa tieghu hemm jista jaghmel hekk minghajr il-perikolu li ssirlu hsara minhabba l-post ta' irmigg li jkun inghatalu. F'dan il-kaz il-post ta' irmigg illi nghata lil Psaila definittivament ma kienx adegwat ghad-daghjsa tieghu, anzi kien definittivament ta' perikolu ghal istess daghjsa, u dan ghar-ragunijiet li fuq isemmew.

13. Jigi nnutat ukoll illi l-istatement in kwistjoni jirrigwarda s-snin 1999 sas-sena 2004. Ma jirrizultax illi matul dan il-perjodu kollu Psaila ma kellux irmigg adegwat. Ghalhekk it-Tribunal ser inaqqas mill-kont l-ammont, arbitrio boni viri, is-somma ta' hames mija sebgha u sebghin lira Maltija u erbgha u sebghin centemu (Lm577.74), b'hekk jigi li l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' sitt mija disgha u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm669.59) lill-Awtorita' attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma imsemmija ta' sitt mija disgha u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu(Lm669.59), bl-imghaixijiet legali dekkoribbli mill-lum sal-pagament effettiv.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jibqu bla taxxa bejn il-partijiet."

Jidher li s-sentenza appena riprodotta ma ghogbot lil hadd mill-kontendenti. Hekk fil-kontestazzjoni taghha s-socjeta` konvenuta tilmenta li t-Tribunal, x' aktarx bi zvista, naqas li jiehu in konsiderazzjoni l-fatt tal-hlasijiet li kienu saru minnha in sodisfazzjon tal-*berthing fees* ghas-snin 1999, 2000 u 2001, u b' hekk ikkundannata thallas ghall-perijodu li l-hlas tieghu kien gja sodisfatt;

Minn naha l-ohra l-Awtorita` attrici appellat incidentalment b' dawn il-lanjanzi:-

(i) Preliminarjament, il-provi ma jiggustifikawx il-konkluzjoni li l-irmigg provvdut ma kienx adegwat;

(ii) Ankorke kien hemm xi problemi dwaru, gjaladarba s-socjeta` konvenuta ghazlet li ma tirrinunzjax ghall-facilitajiet tal-marina hi ghandha, konsegwentement, thallas it-tariffi stabbiliti;

Ghall-appell incidentali hekk interpost is-socjeta` konvenuta, oltre li ghamlet riflessjonijiet fil-meritu fuq il-gravami ta' l-Awtorita` attrici, ressqet ukoll dawn l-eccezzjonijiet preliminari:-

(1) L-appell incidentali ghandu jigi michud stante li l-Kapitolu 380 ma jipprovdix dwaru u l-provvedimenti tal-Kodici ta' Procedura ma humiex estizi ghalih;

(2) Jekk dak il-Kodici ritwali hu hekk applikabbli, allura in virtu ta' l-Artikolu 228 (1) tieghu, l-Awtorita` attrici ma setghetx lanqas tipproponi l-appell incidentali taghha in kwantu hi kienet akkwiexxiet ghas-sentenza. Is-socjeta` konvenuta tiddeduci dan mill-fatt illi l-imsemmija Awtorita` kkreditat il-kont taghha bis-somma stabbilita fis-sentenza. Dan skond *statement* datat 30 ta' April 2006 li kopja tieghu giet annessa mar-risposta ghall-appell incidentali;

## L-APPELL PRINCIPALI

Kif fuq manifest, il-kontenzjoni centrali tas-socjeta` konvenuta fl-appell minnha ntavolat tikkonsisti f' dan. Una volta it-Tribunal adit wasal, bl-uzu ta' l-arbitriju *boni* viri, ghad-deduzzjoni li jittempra l-ammont mitlub, u, una volta wkoll, kien skontat li hi kienet hallset l-*berthing fees* ghall-perijodu 1999 - 2001, dan kellu jwassal, dejjem fuq dan ir-ragonament taghha, biex it-talba ta' l-Awtorita` attrici tigi respinta;

Fil-hsieb tal-Qorti dan l-appell principali hu ghal kollox insostenibbli. Fir-rigward qed isiru dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Primarjament, (anke jekk ikollu jinghad li l-motivazzjoni tas-sentenza mhix redatta b' mod ottimali) ma jidherx li t-tnaqqis propost mit-Tribunal kellu xi rabta ma' perijodu partikulari imma kien intiz li b' xi mod jaghmel tajjeb ghall-effetti tal-problemi li s-socjeta` attrici allegat li nkontrat fl-irmigg tal-*yacht* taghha;

(2) Sekondarjament, jekk kif sostenut mis-socjeta` appellanti l-irmigg offrut ma kienx idoneju ghall-perijodu 2002 sa 2004, ma ghandhiex minn x' hiex tillanja billi kien ghal dan l-istess perijodu li jikkorrispondi t-tnaqqis ordnat mit-Tribunal. Semplici ezami u assommar matematiku ta' l-*Invoice* esebita a fol. 2 turi li sat-2 ta' Gunju 2002 kien ghad baqa' bilanc minimu ta' disgha u sebghin lira u disghin centezmu (Lm79.90). Il-kumplament tas-somma domandata taht il-kappa "Debit" tirraprezenta proprju il-*berthing fees* ghas-snin 2002, 2003 u 2004. Perijodu ta' zmien dan li l-istess socjeta` konvenuta taccetta li matulu ma ghamlet ebda hlasijiet. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga bla mehtieg fuq l-aggravju lilha devolut mis-socjeta` konvenuta li qieghed bil-prezenti jigi respint.

L-APPELL INCIDENTALI

Huwa ferm logiku illi qabel ma tinoltra ruhha fil-mertu ta' dan l-appell incidentali il-Qorti jehtiegilha tinvesti u tiddisponi mill-eccezzjonijiet procedurali ghalih sollevati mis-socjeta` konvenuta;

Fuq il-punt ta' l-inammissibilita` ta' l-appell incidentali jinsab sottomess illi l-Att V ta' l-1995 ma jipprovdix b' mod specifiku ghall-appell bhal dan. Hi allura t-tezi tas-socjeta` konvenuta illi gjaladarba l-Att ma jipprovdix fl-Artikolu 8 tieghu ghall-appell incidentali u, gjaladarba wkoll, id-

disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Procedura, salv fejn espressament provvdut, ma jghoddux u ma japplikawx ghall-kwestjonijiet ri-entranti fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal specjali krejat b' dak l-Att, jigi li ma huwiex guridikament akkonsentit appell bhal dan;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, bi twegiba ghall-argoment precitat, meta l-ligi fl-Artikolu 8 (1) tal-Kapitolu 380 tghid li jista' jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal, dment li mhux espressament eskluz, tali appell jista' jkun kemm principali kif ukoll incidentali. Hemm certament raguni ghal dan. Fis-sistema processwali vigenti l-impunjattiva tas-sentenza li tigi proposta l-ewwel tiddetermina l-kostituzzjoni tar-rapport processwali fl-istadju ta' l-appell. F' dan ir-raport mhux eskluz li jistghu jikkonfluwixxu impunjattivi ta' sokkombenti ohra fil-gudizzju, sija jekk dawn jappellaw huma wkoll in via principali kemm jekk incidentalment. Dan hu hekk mehtieg in omagg ghall-principju ta' l-unicita` tal-process ta' impunjattiva ta' l-istess sentenza u biex tinghata sentenza simultaneja dwar id-diversi impunjattivi u gravami;

Din il-Qorti ma tistax taccetta bhala proposizzjoni guridikament korretta illi fil-kaz ta' sentenzi emessi mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar hu biss konsentit appell principali u li l-parti fil-proceduri li ma tkunx appellat b' dan il-mod hi inibita jew eskluza milli hi wkoll tressaq impunjattiva successiva ghall-appell principali, kemm kontra partijiet ohra li jkunu mdahhla fil-proceduri jew minn kapi tas-sentenza mhux investiti bl-appell principali. L-unita` tal-procediment ta' l-appell ghandha tkun mantenuta kemm jekk dan ikun wiehed principali kif ukoll meta jassumi karattru incidentali. In vista ta' dan l-eccezzjoni fir-rigward qed tigi michuda;

Riferibilment ghat-tieni eccezzjoni, ukoll ta' indoli proceduralI, is-socjeta` konvenuta tavvanza t-teorija, minnha koncepita fuq id-dipost ta' l-Artikolu 228 (1) tal-

Kapitolu 12, illi gjaladarba l-Awtorita` attrici emettiet *statement* li juri l-ammont kif kanonizzat bis-sentenza tat-Tribunal, *ergo*, dik l-Awtorita` akkwiexxiet ghas-sentenza u din l-akkwiexxenza topera bhala prekluzjoni ghall-impunjattiva li sa dak il-mument tal-hrug ta' l-i*statement* tkun ghadha ma gietx proposta;

Issa, kif inhu risaput, l-akkwiexxenza tista' tigi ritenuta li tissussisti meta l-parti interessata taghmel atti li minnhom necessarjament hu dezumibbli il-propozitu li ma tridx tikkontensta l-effetti guridici tas-sentenza. Jigifieri li l-att innifsu huwa assolutament inkompatibbli mal-volonta` tal-parti li tavvalla ruhha mill-kontestazzjoni tas-sentenza;

Jinghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-2 ta' Marzu 1925 in re: "**Carolina Zammit -vs- Salvatore Cini**" (**Kollez. Vol. XXVI P I p 36**) illi biex tissussisti l-akkwiexxenza, "*occorre che sia libera e spontanea ed incompatibile con la volonta` di muovere lagnanza contro quella decisione, per modo che si possa desumere una rinunzia tacita al diritto di appello*". Mhux biss pero` li dik l-akkwiexxenza trid tkun libera u spontanea imma trid tkun ukoll univoka "b' mod li juri b' certezza li s-sokkombent ma ghandu l-ebda intenzjoni li jappella" ("**Antonio Fenech *et* -vs- Carmelo Mifsud**", Appell, 5 ta' April 1937 a **Vol. XXIX P I p 934**);

Kif gja espost, ghas-socjeta` konvenuta l-i*statement* ta' l-Awtorita` tat-30 ta' April 2006 anness mar-risposta taghha ta' l-appell jittraduci ruhu f' akkwiexxenza u ghandu jigi attribwit lilu tifsira ta' accettazzjoni tal-pronunzjament tas-sentenza. Ma' dan din il-Qorti, rispettozament, ma taqbelx. Huwa veru li dak l-i*statement* juri l-ammont dovut skond is-sentenza imma b' daqshekk ma jistax jigi attribwit lilu xi sinjifikat ta' mgieba inkonciljabbli mal-volonta` ta' l-Awtorita` li tikkontesta dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal deherlu li ghandu jaghmel riduzzjoni tas-somma mitluba minnha;

Fil-fattispeci l-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** b' sentenza **Numru 15212 tas-sena 2000**, "*ha escluso che possa ravvisarsi acquiescenza dal comportamento della parte parzialmente vittoriosa la quale si limiti a pretendere, sia pure intimando il precetto, la porzione del vantato credito riconosciutale dalla sentenza, non essendosi alcuna incompatibilita` logica o giuridica tra la volonta` del soggetto di seguire la decisione nella parte a lui favorevole ad il suo proposito di impugnarla nella parte sfavorevole".*

Affermat dan, anke allura il-pregudizzjali hekk sollevata ma timmerita ebda akkoljiment;

Jonqos issa li jigi investit l-appell incidentali fil-mertu. Din il-Qorti tistqarr li ma taqbel xejn ma' l-affermazzjoni ta' l-Awtorita` attrici illi hi thossha libera minn kull nuqqas di fronte ghas-socjeta` konvenuta ghax din messha rrinunzjat ghall-irmigg offrut lilha;

Il-ftehim ta' ormegg hu, fil-hsieb tal-Qorti wiehed atipiku dixxiplinat, b' analogija, minn normi riferibbli ghall-istitut tad-Depozitu. Li jfisser, a norma ta' l-Artikolu 1899, Kodici Civili, illi l-Awtorita`, *qua* depozitarja tal-*yacht*, ghandha tuza fil-kustodja tieghu d-diligenza daqs kemm depozitarju jiehu fil-kustodja ta' hwejgu. Dan l-obbligu jimporta, oltre d-dover tal-kustodja, dik tal-konservazzjoni billi, fejn jokkorri, u kif inhu hekk il-kaz, tassenja spazju idoneju. Il-konsegwenza li tidderivi mill-inadempjenza ta' dan id-dover tissarraf f' danni ghad-depozitarju;

Tradott dan li nghad ghall-fattispeci konkreti tal-kaz it-Tribunal sab li l-irmigg provvdut mill-Awtorita` lis-socjeta` konvenuta ma kienx ghal kollox adegwat u fuq dan ir-ragonament, u bl-adoperu tal-principju ta' l-ekwita` - ghal liema, incidentalment, l-istess Awtorita` tirrikorri fit-twegiba ghall-appell principali - deherlu fil-prudenza intwittiva tieghu li kellu jirrisolvi l-kontroversja billi, dejjem fil-konfini

tal-fattispeci, jipprovdi ghal tnaqqis mis-somma rikjesta. Fuq ir-ri-ezami taghha ta’ l-atti processwali din il-Qorti jidhrilha li l-konkluzjoni tat-Tribunal hi wahda gustifikattiva u sorretta mill-provi, anke jekk ikollu jinghad li f’ certu sens is-sentenza tippekka minn assenza ta’ dak l-*iter* argomentattiv li joffri rendikont tal-process logiku segwit fl-iffissar ta’ l-ammont stabbilit b’ deduzzjoni. Maghdud dan, il-Qorti tinnota pero` li l-Awtorita` ma kkontestatx l-ammont ta’ tnaqqis u mhux il-kaz allura li tinoltra ruhha fuq din il-materja. L-appell incidentali qieghed konsegwentement jigi skartat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali u l-eccezzjonijiet ghal dan. Is-sentenza tat-Tribunal qeghda ghalhekk tigi kkonfermata b’ dan li kull kontestant ihallas l-ispejjez proprji ta’ l-appell introdott minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------